Avviz Numru CCT 70/16/GB

Daniel Spiteri

vs

Mario Falzon – Proman Interiors

Illum 11 ta' Mejju 2016

It-Tribunal

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-1 ta' April, 2016, fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' elf tmien mija tmienja u erbghin Ewro (€1,848.00), rapprezentanti l-prezz ta' sitta u ghoxrin (26) kaxxi zejda ta' madum, bhala rizultat ta' zball li sar fil-kalkoli tal-intimat.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent, li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tal-intimat, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Il-ftehim mal-intimat kien li jaghmlu id-dizinn ghandu, u l-prezzijiet jigu mrahhsa. Ir-rikorrent ghazel li jaghmel id-dizinn ghand l-intimat, u ghalhekk huwa kien mar fuq il-post, kejjel u kkonkluda li r-rikorrent kellu bzonn mija tmienja u tmenin punt sittax (188.16)-il metru kwadru madum ta' l-art minghajr kmamar tal-banju u *main bedroom*. Meta l-madum twahhal, ir-rikorrent baqalu sitta u ghoxrin (26) kaxxi zejda u kaxxa ddanneggjata. Meta huwa tkellem ma' l-intimat, qallu li seta' jaghmel *credit note* fuq kcina, izda r-rikorrent ma kellux bzonn kcina. Il-partijiet kienu, sussegwentement, ghamlu zewg appuntamenti, pero' ghal wiehed minnhom ma marx l-intimat.

Ir-rikorrent gab perit biex jikkalkula kemm kellu bzonn madum, fejn bl-ghaxra fil-mija (10%) zejda, bl-*iskerting* u l-madum ta' l-art, kellu bzonn biss mija erbgha u hamsin punt erbgha u sittin (154.64) metri kwadri.

Ir-rikorrent qed jitlob li l-madum zejjed jittiehed lura mill-intimat u li jinghata lura l-flus u mhux *credit note*.

Ir-rikorrent ezebixxa dokumentazzjoni relattiv.

L-intimat issottometta bil-miktub illi:-

Fl-1 ta' Ottubru 2014, huwa kien ta stima lir-rikorrent skond il-qisien li huwa stess kien ta lill-intimat. Din l-istima kienet ghal mija u sittin (160) metri kwadri ta' madum, bil-prezz ta' erbgha u sittin Ewro u tmenin centezmi (€64.80) ghal kull metru kwadru, li t-total tieghu kien ser jammonta ghal ghaxart elef tliet mija tmienja u sittin Ewro (€10,368.00) qabel il-VAT, hekk kif stipulat fl-istima numru 10292-1, mahruga mill-kumpanija tal-intimat 'Proman Interiors'.

Fuq din l-istima, hemm notamenti miktuba li meta hadmu l-istima f'ammont ta' *pallets*, id-differenza kienet ta' sebgha u ghoxrin (27) metri kwadri, li jigu wiehed u ghoxrin (21) kaxxa madum sabiex jinghalqu l-*pallets* u jigu shah. Hawnhekk, regghu hadmu l-istima sabiex jaghlqu wkoll ir-raba' *pallet*, u cioe' b'sebgha u ghoxrin (27) metri kwadri zejda, u sabiex jaghmlu dan, l-intimat kien qal lir-rikorrent li jekk jiehu *pallets* shah, il-prezz kien ser jonqos drastikament, fejn minflok ihallas bil-prezz ta' erbgha u sittin Ewro u tmenin centezmi (€64.80) ghal kull metru kwadru, hekk ir-rikorrent ihallas bil-prezz ta' tnejn u erbghin Ewrot (€42.00) ghal kull metru kwadru. Dan kien ifisser li r-rikorrent kien ser jiehu aktar kwantita' ta' madum (sebgha u ghoxrin (27) metri kwadri izjed), pero' kien ser ihallas inqas, u b'dan ir-rikorrent deher kuntent, skond l-ittra tieghu tas-16 ta' Dicembru 2016.

Wara li r-rikorrent qajjem l-ilment in kwistjoni, l-intimat ipprova jkellem lill-importatur tal-madum sabiex jara jekk jiehux lura z-zejjed, li issa r-rikorrent ma riedux, u r-risposta kienet li iva, pero' r-rikorrent ried ihallas id-differenza, ghaliex inkella ma jkunux jistghu jaghtu l-madum bil-prezz specjali talli nxtara bil-*bulk*, u ghalhekk ikun irid jigi mhallas il-prezz miftiehem originarjament ta' erbgha u sittin Ewro u tmenin centezmi (€64.80) ghal kull metru kwadru.

Meta wiehed jixtri bl-ammonti ikbar, il-prezz jonqos, hekk kif l-intimat spjega diversi drabi lir-rikorrent, tant li r-rikorrent qabel u ffirma l-ftehim bejn il-partijiet.

Is-socjeta' ntimata ezebiet dokumentazzjoni relattiv.

It-Tribunal jinnota illi:-

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa pjanta tal-*maisonette* tieghu, li giet immarkata bħala Dok.DS1; flimkien ma' pjanta oħra, li giet immarkata bhala Dok.DS2.

Xehdet Ruth Spiteri Bongailas, prodotta mir-rikorrent.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi l-intimat, fix-xhieda guramentata tieghu, rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub, fejn zied jistqarr illi huwa kien anke offra li jiehu l-madum żejjed u jipprova jbiegħu lill-klijent ieħor ghar-rikorrent, izda r-rikorrent ma aċċettax.

L-intimat ezebixxa sett ta' dokumenti li jirrappreżentaw il-*file* tar-rikorrent, li flimkien gew immarkati bħala Dok.MF1.

Xehed Chris Conlon, prodott mill-intimat.

Xehed Robert Massa, prodott mill-intimat.

It-Tribunal sema' s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, ihoss illi huwa l-obbligu tieghu u fid-dmirijiet tieghu li jikkummenta dwar il-fatt illi nonostante d-drittijiet ta' kull konsumatur, liema drittijiet ghandhom dejjem jigu osservati u rrispettati, ma jista' qatt jigi ttollerat l-abbuz ta' tali drittijiet da parti tal-konsumatur stess, b'dana illi l-konsumatur ikun irid izomm in-negozjant responsabbli ghal kwalunkwe haga li, wara li sar ftehim, il-konsumatur ibiddel il-hsieb dwaru u/jew jipprova jaqla' lira minn fuq dar l-istess. It-Tribunal jaghmel referenza ghall-ftehim datat 1 ta' Ottubru 2014 (l-ewwel pagna f'Dok.MF1) u ffirmat mir-rikorrent, liema ftehim jirreferi ghall-"Quote No.:10292" – minn hawnhekk johrog car illi fl-ewwel stima li nghata lir-rikorrent, l-ammont ta' madum ikkwotat kien ta' mija u sittin (160) metri kwadri, pero' fil-ftehim sussegwenti, kien hemm diskrepanza sostanjali fejn tali ammont tela' ghal mija sebgha u tmenin (187) metri kwadri. Mill-provi prodotti, u mill-verzjoni kredibbli u kkorroborat tal-intimat, jirrizulta ampjament car illi tali diskrepanza fl-ammont ma kienx zball da parti tal-intimat, pero' ftehim li sar u li gie spjegat ripetutament lir-rikorrent, fejn ix-xiri tal-madum sar *in bulk*, u dana a favur ir-rikorrent li ffranka hafna flus. Fuq ix-xiri tal-madum in kwistjoni. L-intimat ma naqas bl-ebda mod fis-servizzi tieghu, u ma jista' qatt jinzamm responsabbli ghal ftehim li sar bejnu u bejn ir-rikorrent li fil-fatt bbenifika r-rikorrent!

Mill-provi li ngabu, it-Tribunal huwa konvint illi ma kien hemm ebda lok ghal ilment ta' dan it-tip u ghalhekk qed isib it-talba tar-rikorrent manifestament frivola u vessatorja, fejn qed jichad it-talba tar-rikorrent, u jordna lir-rikorrent ihallas l-ammont ta' mija u ghoxrin Ewro (€120.00) bhala penali lill-intimat, bl-ispejjez tal-kawza kontra r-rikorrent.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**